Kuntatt
...ma' l-iskola t'ibnek
Diċembru 2007

## Ċertifikati, imfietaħ u skaluni

Sa ftit tas-snin ilu malli ssemmi l-kelma skola kienu jiġu f'ras dak li jkun il-kliem *eżamijiet* u *ċertifikati.* Minn xi snin lil hawn din il-konnessjoni m'għadhiex daqshekk awtomatika għaliex l-iskejjel saru joffru tagħlim li jmur lil hinn mis-suġġetti akkademiċi mdorrijin bihom.

Liema hu l-ġenitur li ma jiħux gost ikun jaf li wliedu qed ikollhom opportunitajiet ta' tagħlim għall-ħajja? X'jiswa li student ikun jaf jaqra, jikteb u jgħodd imbagħad ma jkollux ċerti valuri, ma jkunx imgħarraf dwar il-perikli ta' ċerti stili ta' ħajja, jew ma jkun qatt esperjenza aspetti li jsawru l-ħajja tagħna l-kbar?

Għalhekk is-suċċess fl-iskola m'għadux marbut biss maċ-ċertifikati akkademiċi. Is-suċċess jiddependi fuq il-ħila ta' l-iskola li tgħin lill-istudent isir bniedem sħiħ. Minkejja dan kollu ċ-ċertifikati akkademiċi jibqgħu l-imfietaħ li permezz tagħhom student jikseb aċċess għal ħafna bibien. Mingħajr ċertifikati akkademiċi student jingħalaq u tonqoslu l-għażla.

Iċ-ċertifikati jiddependu fuq is-suċċess fl-eżamijiet u s-suċċess fl-eżamijiet ma jiġix bla tħejjija minn kmieni. Jaslu l-eżamijiet ta' nofs is-sena u warajhom dawk annwali u sena wara l-oħra jgħaddu ħames snin u jaslu l-eżamijiet tal-ħames sena, dawk magħrufin bħala ċ-ĊES (Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja).

Il-mira ta' kull student għandha tkun il-kisba ta' Ċertifikati ta' Edukazzjoni Sekondarja maħruġa mill-Università ta' Malta. Fejn dan mhux possibbli fis-suġġetti kollha, importanti li jinkiseb ċertifikat tajjeb mill-iskola għaliex illum il-ġurnata dan iċ-ċertifikat hu meqjus bħala l-ewwel skaluna lejn it-twettiq ta' kull ħolma marbuta ma' karriera u ħajja sħiħa.

J. Micallef
Kap ta' l-Iskola

Messaġġ mill-Kap ta' l-Iskola

Tel: 21642427 Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
Website: http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

## Editorjal - Meta nitkellmu magħkom

Ftit tal-ġranet ilu ltqajna magħkom waqt il-"Lejla mal-Ġenituri". Għalina l-għalliema huwa dejjem sabiħ li niltaqgħu u nitkellmu magħkom, li nsiru nafu min huma l-ġenituri ta' l-istudenti li ngħallmu. Nieħdu pjaċir meta naraw ġenituri li qegħdin jagħmlu minn kollox għal uliedhom, biex dawn ikollhom mod ta' għajxien aħjar milli kellhom huma.

Fl-istess ħin nitnikktu meta nisimgħu stejjer ta' firda u ġlied fost il-familjari tagħkom. Tnikkitna, ngħidu aħna, meta smajna xi ġenituri jgħidulna li wliedhom m'għadhomx jagħtu kashom, u li moħħhom biss fil-ħbieb, fiċ-*chatting* u fil-ħruġ sa tard bil-lejl. Min qed jikkaġuna dan kollu? Jista' jkun li fid-dar hemm min qed iħalli lil dawn it-tfal jagħmlu li jridu, li qed jagħtihom li jridu, anki eżempji ħżiena?

Il-Milied huwa żmien ta' ġabra u l-isbaħ rigal li nistgħu nagħtu lil uliedna huwa l-imħabba kollha tagħna. Imma bi mħabba ma nfissrux fsied żejjed. Bi mħabba nfissru fuq kollox li ngħaddu
edukazzjoni tajba lil uliedna.


Bord Editorjali: G. Micallef (Asst. Kap), D. Agius Muscat, P. Callus, M. Zahra Sacco
Issettjar: P. Callus, A. Galea
Disinn: R. Mamo


***Id-Dipartiment tal-Lingwi jixtieq jirringrazzja lid-Dipartiment tal-Healthy Eating tal-kollaborazzjoni biex il-Jum Ewropew tal-Lingwi seta' kien suċċess.***

Il-Kulleġġ San Benedittu Sekondarja Subien jistidinkom
għall-Kunċert tal-Milied imtella'
mill-istudenti u l-għalliema ta' l-iskola
nhar l-Erbgħa 19 ta' Diċembru 2007 fis-6.30 p.m.





Il-biljetti għall-prezz ta' Lm1 jistgħu jinxtraw mingħand is-Sur G. Micallef. Wara l-kunċert nistidnukom tingħaqdu magħna biex nieħdu xi ħaġa żgħira flimkien. Ħaffu biex tixtru l-biljetti ħalli ma toħorġux diżappuntati.

**Nawgurawlkom Milied hieni u sena mill-isbaħ**

# Inkunu Ċittadini aktar responsabbli u informati



Qabel ma wieħed jiddiskuti, dan għandu jinforma ruħu sew fuq dak li jkun qed jiġri. Għal dan il-għan, l-istudenti tat-tielet u r-raba' sena kellhom attivitajiet differenti biex isiru jafu aktar dwar r-refuġjati u l-emigranti irregolari. Dawn l-attivitajiet ġew imtella' mill-Jesuit Refugee Service u mill-Graffiti.



Ħafna mill-klassijiet tat-tielet sena semgħu l-esperjenza ta' refuġjati mill-Eritrea. Tesfa Beraki, wieħed mill-kelliema, qalli li kien impressjonat b'kemm l-istudenti wrew interess u kemm tkellmu b'responsabilità u rispett dwar dan is-suġġett.

L-istudenti tal-klassijiet 3.6, 3.7 u 3.8 semgħu l-esperjenzi tas-Sur Kipasa emigrant mill-Kongo. Wara l-istudenti daqqew it-tnabar Afrikani u ħolqu ritmu sabiħ u vivaċi Afrikan.

Il-klassijiet tar-raba' sena attendew "Mixja Teatrali", organizzata mill-JRS u d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. L-istudenti mxew minn kamra għall-oħra u kull kamra kien fiha xeni differenti mill-ħajja ta' l-emigrant. Bdiet mill-ħajja fl-Afrika, il-gwerer, il-vjaġġ fid-deżert, il-vjaġġ lejn l-Ewropa fuq dgħajsa żgħira u anke l-problemi li jaffaċċa hu fl-Ewropa. Matul din il-mixja, l-istudenti setgħu kważi jħossu dak li jgħaddu minnu l-emigranti. Ħafna studenti stqarrew li ftit li xejn kellhom idea ta' dak li l-emigranti jgħaddu minnu sakemm jaslu Malta.

Bosta kkonkludew li l-emigranti veru jixirqilhom rispett u ħajja xierqa f'pajjiżi barra minn art twelidhom! Grazzi mill-qalb tmur ukoll għall-għalliema li taw sehemhom biex dawn l-attivitajiet setgħu jimxu ħarir.

C. Elshout
Koordinatriċi tal-Klabb Kulturali

# Ħarġa Kulturali sal-Belt Valletta

Qatt ħsibtu fuq kemm għandna postijiet ta' interess f'art twelidna!
Biex l-istudenti jikbru u jsiru ċittadini responsabbli, hu importanti li dawn ikunu jafu l-istorja ta' Malta u anke jkunu jafu l-valur kbir ta' ċertu bini li nsibu f'Malta.

Għal dan il-għan, il-kumitat ta' l-għalliema li qed jieħu ħsieb *Citizenship Education* organizza ħarġa edukattiva fil-Belt Valletta. Għal din il-ħarġa attendew l-istudenti tat-tielet klassi peress li fis-sillabi ta' l-Istorja, l-Istudji Soċjali u l-Ġeografija dawn tkellmu fuq l-importanza tal-Belt Valletta u xi bini li nsibu fiha. Dak in-nhar l-istudenti żaru l-Konkatidral ta' San Ġwann u Casa Rocca Piccola. Mill-Barrakka ta' Fuq, l-istudenti setgħu japprezzaw ix-xena pittoreska tal-Port il-Kbir. Min-naħa l-oħra tal-peniżola, mill-Ġnien ta' Hastings l-istudenti raw il-port ta' Marsamxett. Waqt iż-żjara l-istudenti għamlu xi xogħol fuq dak li kienu nnotaw u tgħallmu.

L-istudenti qalu li ħadu gost flimkien. Bosta qalu li t-tagħlim ikun iktar bis-sens li kieku l-istudenti jżuru kull post li jitkellmu fuqu waqt il-lezzjonijiet !!

C. Elshout
Għalliema ta' l-Istorja







# In-Notice Board tal-Kunsill Skolastiku

## MEMBRI

- Carmen Muscat - Ġenitur
- Godfrey Salerno - Ġenitur
- Mary Zahra - Ġenitur
- Justin Mifsud - Għalliem
- Christine Refalo - Għalliema
- Ruth Spiteri - Għalliema
- Joseph Micallef - Kap ta' l-Iskola

Segretarju
Teżorier

## KALENDARJU TAL-LAQGĦAT

| | | |
|---|---|---|
| 8 ta' Mejju 2007 | 8 ta' Ġunju 2007 | 5 ta' Lulju 2007 |
| 4 t'Ottubru 2007 | 15 ta' Novembru 2007 | 6 ta' Diċembru 2007 |
| 10 ta' Jannar 2008 | 7 ta' Frar 2008 | 6 ta' Marzu 2008 |
| 3 t'April 2008 | 8 ta' Mejju 2008 | 5 ta' Ġunju 2008 |
| 3 ta' Lulju 2008 | | |

## . . . MILL-AĠENDA . . .

- Kompjuterizzazzjoni tal-librerija;
- Kontribuzzjoni mill-familji għas-servizz ta' l-iffotokopjar;
- Kuntratt għas-servizz ta' l-iffotokopjar;
- L-użu ta' *track suit*;
- Beritta ta' l-iskola;
- Involviment u parteċipazzjoni tal-ġenituri fil-ħajja ta' l-iskola;
- Użu ta' fondi biex jinxtara apparat meħtieġ;
- Purtieri għad-*Drama Room*;
- Ilqugħ mix-xemx;
- Attivitajiet għall-Milied.

# KALENDARJU 2007

***Diċembru***

Programm ta' Attivitajiet għall-Milied - 17-21

Vaganzi tal-Milied - 24-31

***Jannar***

Vaganzi tal-Milied - 1-4

Bidu tat-Tieni Term - 7

Laqgħa għall-Għalliema (l-iskola sa n-12:30) - 17

Seminar fuq il-Karrieri (selezzjoni mill-Form 4) - 21-22

Assessjar (it-tieni term) - 23-29

***Frar***

Vaganzi tal-Karnival - 4-5

Relazzjonijiet (Laqgħa għall-ġenituri tal-Form3) - 8

Eżamijiet ta' Nofs is-Sena - 11-19

Laqgħa (Abbuż tat-Tfal u Edukazzjoni Sesswali) - 21

Eżerċizzji tar-Randan (Form 2 u 3) - 25-29

Taħriġ Professjonali għall-Għalliema - 25

Ħarġa Edukattiva ITS (Form 4) - 27

***Marzu***

3-7 - Eżerċizzji tar-Randan għall-Form 1, 4 u 5

5 - Turnew tar-*Rugby* (Selezzjoni mill-Form 3)

10-12 - Sports Fest (Form 1-3)

13 - Jum il-Premjazzjoni

14 - Quddiesa f'Jum id-Duluri

17 - Sports Fest (Form 4 u 5)

18 - Jum il-Ġenituri

# UFFIĊJALI 2008

***Marzu***
19 - Vaganza Pubblika
20-26 - Vaganzi ta' l-Għid
27 - Bidu tat-Tielet Term
31 - Vaganza Pubblika

***April***
1-3 - Laqgħa għall-Ġenituri fuq Stil ta' ħajja aħjar
7-10 - Laqgħa fuq is-Suġġetti Magħżula (Form 2)
17-18 - L-Għażla tas-Suġġetti (Form 2)
18 - Attività tal-Kunsill ta' l-Istudenti
21-25 - Seminar fuq l-Abbuż minn Sustanzi (Form 1)
21-25 - Il-Ġimgħa tal-Librerija
25 - Jum il-Premjazzjoni (Form 5)

***Mejju***
1 - Vaganza Pubblika
5-9 - Sportsfest
6 - Laqgħa ta' l-Atletika (għall-iskejjel tas-sekondarja)
9 - Tagħrif fuq Karrieri (ħarġa edukattiva għall-Form 4)
19-23 - Assessjar (it-tielet term)
21 - Taħriġ Professjonali għall-Għalliema
28 - Seminar ta' Ġurnata għall-Għalliema
30 - Laqgħa fuq l-Ippjanar ta' l-Eżamijiet tas-SEC (Form 4)

***Ġunju***
4 - Bidu tan-nofs ta' nhari
17-27 - Eżamijiet Annwali

# "Ma nafx" qatt m'hi risposta aċċettabbli minn ġenitur

Dan l-aħħar waqt laqgħa ma' ġenitur bqajt naħseb fuq il-kliem "ma nafx" li wieġbet għal domanda li staqsejt. Fil-fehma tiegħi qatt m'hi aċċettabbli li dwar it-tfal tagħna ngħidu l-kliem "ma nafx", tibqa' komdu u tieqaf hemm. Il-kelma "ma nafx" għandha tixgħel bozza ħamra f'ħajjitna li ġġegħelna nagħmlu minn kollox biex insiru nafu.

Aħjar tkun taf li xi ħaġa sejra ħażin ħafna u tħossok inkwetat/a.

Aħjar tgħid li almenu taf li dak li ppruvajt s'issa ma' ibnek ma ħadimx. B'hekk ikun ifisser li għarbilt u flejt bir-reqqa x'qiegħed jagħmel it-tifel tiegħek u x'qiegħed/qiegħda tagħmel int bħala ġenitur. Imma l-kliem "ma nafx" ikun ifisser li d-dinja li jgħix fiha ibnek u d-dinja tiegħek huma żewġ dinjiet separati minn xulxin jew inkella li qegħdin nippruvaw naħarbu mir-realtà.

Għalhekk tajjeb li dan ma jiġrix u f'kull ħin inkunu nafu x'esperjenzi għaddejjin minnhom it-tfal tagħna skond ir-rapport li għandek ma' ibnek, l-età tiegħu u ċ-ċirkostanzi familjari differenti. Per eżempju, hemm differenza kif issegwi dak li għaddej minnu ibnek li qiegħed fil-Form 1 u ieħor li wasal lejn l-aħħar ta' l-iskola sekondarja. Ibnek li għadu żgħir probabbli għadu jaċċetta li inti tiċċekkja kontinwament x'inhu jagħmel u għalhekk jista' jkollok sehem aktar dirett bħala ġenitur filwaqt li mal-kbar ħafna drabi *monitoring* irid isir b'mod indirett. Biss iż-żewġ sistemi jridu jwasslu għall-istess għan:

Irridu nkunu nafu x'esperjenzi għaddejjin minnhom it-tfal tagħna.

Ħsibt f'seba' domandi li tajjeb nistaqsu (u żgur mhix lista li tinkludi kollox):

- X'inhuma l-gosti tiegħu?
- Fiex iħossu tajjeb u x'inhuma dawk l-affarijiet li fihom ma jħossux komdu?
- Xi jġiegħlu jirrabja?
- X'inhi l-opinjoni tiegħu dwar ċerti affarijiet?
- Kif sejjer l-iskola? X'qiegħed jogħġbu u jdejqu?
- X'qiegħed jagħmel fil-għaxija? Kif qiegħed iqassam il-ħin tiegħu?
- Fejn qiegħed imur fil-għaxija u fil-weekend? Ma' min qiegħed ikun (anke virtwalment fuq l-internet)?

Għal dawn il-mistoqsijiet, anke jekk għandek risposti li tħossok skomdu jew skomda tgħidhom miegħek innifsek, l-aqwa li għandek risposta li mbagħad iġġiegħelek taħseb u tagħmel xi ħaġa. Tinsiex. L-importanti li għall-ebda waħda minnhom ma lissintx il-kliem "ma nafx" u tieqaf hemm.

R. Mifsud
Għalliem tal-*Guidance*

# Lejn soċjetà aktar inklussiva

Matul ix-xahar ta' Novembru l-istudenti kellhom diversi lezzjonijiet, fosthom ta' l-Istorja u ta' l-Ingliż, fejn fihom ingħataw informazzjoni bażika fuq diżabilitajiet differenti u għajnuniet li jeżistu f'dan il-qasam. L-istudenti ħejjew xi ċarts li ġew esibiti fil-*foyer* ta' l-iskola biex joħolqu kuxjenza akbar fil-ġimgħa ddedikata lil persuni b'diżabilità. L-istudenti ngħataw għarfien akbar dwar diżabilità fiżika, diżabilità intellettwali, persuni b'nuqqas ta' dawl u persuni b'nuqqas ta' smigħ. Saru wkoll diversi attivitajiet fil-klassijiet tal-PSD fejn l-istudenti kellhom iċ-ċans jidħlu ftit fid-dinja ta' min għandu xi diżabilità. Fost affarijiet oħra dan sar permezz ta' logħob, kitba bl-alfabett tal-*Braille* u *role-plays* bil-lingwa tas-sinjali. L-istudenti ġew imħajra jfittxu aktar informazzjoni u jżommu ruħhom aġġornati mas-servizzi li diġà jeżistu f'Malta f'dan il-qasam. L-assistenti kapijiet ukoll kellmu lill-istudenti dwar id-diversità u l-inklużjoni waqt il-*form time*.

Nhar it-Tnejn 3 ta' Diċembru, proprju fil-jum internazzjonali ddedikat lill-persuni b'diżabilità, l-istudenti ġew indirizzati mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr Louis Galea, mil-President tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità, is-Sur J. Camilleri, u mis-Sa C. Zammit, Kummissarju tat-Tfal. Preżenti għal din l-attività kien hemm ukoll is-Sa M. Sciberras, Direttur Ġenerali, u s-Sa M. Sciortino, il-Koordinatriċi tal-Kulleġġ.

L-għan aħħari ta' dan kollu hu li jkollna ċittadini futuri aktar imħarrġin għal meta jiltaqgħu ma' diffikultajiet li ġġib magħha d-diżabilità. Aħna nemmnu li jekk minn età żgħira l-istudenti jkunu infurmati dwar kif itejbu l-ħajja ta' min għandu diżabilità, allura bħala adulti fuq il-postijiet tax-xogħol u fil-komunità, ikunu f'pożizzjoni aħjar li joffru servizz ta' kwalità lil dawn il-persuni.

Kumitat ta' l-SDP
Edukazzjoni Inklussiva

# Ftit minuti ma' Saħħa u Sigurtà

***Sigurtà***: Saħħa, ejja ftit lil hawn għax wasalna għar-rokna. Issa r-rota kompli aħsilha wara, u tinsiex tixxotta l-ilma sewwa qabel jiżloq xi ħadd.

***Saħħa***: Hawn jien oħt. Ara llum agħtini ftit ċans nitkellem għax għandi ħafna affarijiet x'nirrakkonta.

***Sigurtà***: Naħseb insejt tgħidli "jekk jogħġbok" hux? Biex ma nsemmix kemm-il darba tinsa tgħid "grazzi". Dawn żewġ kelmiet li ma tħallasx għalihom imma tant huma prezzjużi. Insomma, ħa nħalli f'idejk mela.

***Saħħa***: Imma kif dejjem trid teqred! Bejnietna ħbieb, għandha raġun kemm tbigħ. Jeħtieġ nagħmel sforz għax żgur naqta' figura aħjar.

***Sigurtà***: X'kont qed tgħid?

***Saħħa***: Emmm... kemm kienet interessanti l-esibizzjoni li ħaduna naraw l-għalliema tas-Saħħa u s-Sigurtà. Konna żewġ klassijiet tat-tieni sena u lanqas nafu kif gerrbu siegħa u nofs tant kien hemm affarijiet interessanti x'tara:

- Tagħlim fuq l-użu tar-roti, bl-anqas perikli possibbli;
- Informazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol;
- Esibizzjoni ta' apparat u makkinarju għall-użu tat-tifi tan-nar;
- Esibizzjoni kif tingħata l-ewwel għajnuna (First Aid) u materjal li jintuża f'dawn il-każijiet ...

***Sigurtà***: Saħħa, ippermettili nżid xi ħaġa dwar xi nuqqasijiet fl-iskola li qed jolqtu s-saħħa u s-sigurtà tagħna l-istudenti fosthom:

- Perikli u inċidenti kkawżati minn logħob goff u logħob bl-idejn, ġiri u mbuttar fil-kurituri u fit-taraġ;
- Nuqqas ta' użu tajjeb mil-lokers li qed iwassal għal piż esaġerat fil-basktijiet li jagħmel ħsara fuq dahar l-istudenti;
- Ħsarat b'intenzjoni fuq materjal għall-użu ta' evakwazzjoni, li jqiegħed saħħet l-istudenti f'riskju f'każ ta' emerġenza, u li għaldaqstant hu meqjus bħala att kriminali.

***Saħħa***: Nispera li dawn in-nuqqasijiet tirriflettu fuqhom bis-serjetà u tikkontrollawhom ħbieb.

***Sigurtà***: Konvinta li dan se jagħmluh waqt il-vaganzi tal-Milied, b'hekk nibdew sena ġdida aktar pożittiva.

Il-Festi t-tajba mimlija saħħa u bogħod mill-perikli!

R. Zammit
Għalliema Saħħa u Sigurta`

# Help Guys
# Xogħol ta' volontarjat

Għat-tieni sena konsekuttiva l-istudenti membri f'*Help Guys* – li jagħmlu xogħol ta' volontarjat – qed jiltaqgħu kull ġimgħa biex jippjanaw ix-xogħol ta' volontarjat li ħafna drabi jsir wara l-ħin ta' l-iskola. L-ewwel xogħol li sar din is-sena kien fl-SPCA, il-Furjana. It-tfal raw x'tip ta' xogħol isir ma' l-annimali li m'għandhomx sid, xogħol li spiss isir minn voluntiera li joffru ħinhom biex l-annimali jkollhom ħajja aħjar bit-tama li jsibu dar li tilqagħhom.

F'Diċembru morna nagħtu daqqa t'id ir-Razzett tal-Ħbiberija li fi żmien il-Milied jinbidel f'*Enchanted Forest.* Il-flus li jinġabru minn din l-attività, li tittella' kull sena fil-park ta' l-annimali, jgħinu biex ir-Razzett tal-Ħbiberija jkompli joffri s-servizzi tiegħu.

F'Diċembru kellna ppjanat li jsir ħasil ta' karozzi biex niġbru fondi għas-sorijiet ta' l-Ursolini li jieħdu ħsieb it-tfal li jgħixu fil-*Creche* tas-Sliema. Sfortunatament it-temp ma tantx kien ta' għajnuna u se jkollna mmexxu din l-attività għal Jannar.

Fi żmien il-festi ġejna wkoll mistiedna nattendu l-Kunċert tal-Milied imtella' mir-residenti tad-Dar tal-Providenza. Is-sena li għaddiet l-istudenti ta' *Help Guys* għamlu xogħol ta' volontarjat mal-persuni li jgħixu jew jiġu megħjuna mid-Dar tal-Providenza. Kienet okkażjoni sabiħa għall-istudenti tagħna fejn erġajna ltqajna magħhom f'din il-ġurnata tant importanti għalihom. Nittamaw li din is-sena nerġgħu naħdmu magħhom. Grazzi lill-istudenti kollha li għandhom ħafna entużjażmu u xewqa li jgħinu.

Koordinaturi ta' *Help Guys*

# Rajna 'l Caravaggio

Nhar il-Ħamis, 22 ta' Novembru l-istudenti ta' l-Arti marru l-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti. L-istudenti tqassmu fi gruppi u kienu imħeġġa jiddiskutu b'mod kostruttiv varjetà ta' xogħlijiet ispirati minn Caravaggio, hekk magħrufin bħala 'Caravaggisti', fosthom Mattia Preti, Mattias Stomer u oħrajn.

Żjara fil-Konkatidral ta' San Ġwann kompliet tipprovdi lill-istudenti b'manifestazzjoni ta' Barokk fl-aqwa tiegħu fl-iskultura kif ukoll fil-pittura. Din il-mawra kkonkludiet billi osservajna tliet xogħlijiet ta' Caravaggio li huma residenti f'Malta.

Il-ħarġa kkonkludiet b'sezzjoni ta' skeċċjar, ħin fejn l-istudenti kienu esposti għall-ambjent fiżiku u naturali u għaddew ħin sostanzjali jistudjaw, josservaw u jiskeċċjaw l-ambjent ta' madwarhom.

L-Għalliema ta' l-Arti
C. Carter
M. Caruana
S. Camilleri
L. Spiteri

# Ir-rebbieħa tat-tisliba ta' L-Ewwel Passi

L-ewwel tliet tweġibiet tajba li waslulna għall-kompetizzjoni tat-tisliba tal-magazin ta' l-iskola kienu ta':

1. Benjamin Schembri (Klassi 3.5) li rebaħ MP3 Acer 256MB;
2. Ryan Axisa (Klassi 2.2) li rebaħ *voucher* ta' Lm15 mingħand Merlin Library ta' B'Bajda; u
3. Antoine D'Amato (Klassi 4.3) li rebaħ *voucher* ta' Lm5 mingħand AZ Stationery taż-Żurrieq.

Il-kap ta' l-iskola għadda l-premjijiet lil dawn l-istudenti fl-*assembly* ta' l-iskola. Wieħed jista' wkoll jara t-tweġibiet ta' dawn l-istudenti fuq in-*notice board*. Prosit lil kull min ipparteċipa.

# Lejla għall-Ġenituri - Rendikont

Matul is-sena skolastika, diversi ġenituri jiġu, jew jkunu msejħa biex jiġu l-iskola ħalli jitkellmu magħna fuq uliedhom. Hemm oħrajn li ta' kull sena jistennew b'ħerqa l-istedina biex jiltaqgħu magħna ħalli jiddiskutu l-progress ta' wliedhom.
Wara li fil-ġranet li għaddew il-ġenituri rċivew rendikont ta' kif mar it-tifel tagħhom fl-ewwel xahrejn ta' l-iskola, numru kbir minnhom laqgħu l-istedina tagħna u nhar il-Ġimgħa 7 ta' Diċembru 2007, għal tliet sigħat sħaħ, imlew il-kuriduri u l-klassijiet ta' l-iskola biex jitkellmu ma' l-għalliema dwar il-progress ta' wliedhom.
Aħna nemmnu bis-sħiħ li t-tifel ma jistax jikber b'mod sħiħ jekk ir-rabta ta' l-iskola mad-dar ma tkunx soda. Nemmnu li aħna ma nistgħux nagħtu l-aħjar li nistgħu għat-tfal tagħna jekk ma jkollniex il-kollaborazzjoni sħiħa tal-ġenituri.
U kien għalhekk li, għal din l-okkażjoni, tħejja kwestjonarju ħalli nisimgħu x'għandkom x'tgħidulna intom il-ġenituri dwar l-iskola. Xtaqna li kieku n-numru ta' dawk li rnexxielhom jimlew il-kwestjonarju kien ikbar!
Jalla din ir-rabta li, ftit ftit qed tinbena bejn il-ġenituri u l-iskola, tkompli tissaħħaħ, għax aktar ma din l-għaqda tikber, aktar tikber it-tama u l-fiduċja li wliedna jistgħu jirnexxu lkoll.

R. Azzopardi
Assistenta Kap

***In-numri rebbieħa abbinati mal-lotterija u s-survey waqt il-Lejla tal-Ġenituri huma: 114 (Lotterija – Biljett roża) u 232 (Survey – Biljett abjad). Ir-rebbieħa huma mitluba jiġbru mill-iskola l-voucher ta' weekend break għal-lukanda Riviera Hotel & Spa sa mhux aktar tard mill-10 ta' Jannar 2008.***

**Kulleġġ San Benedittu**
**Sekondarja Subien**
**Ħal Kirkop**



# Mil-Librerija

Diċembru 2007
Ħarġa Nru. 2

## Il-Milied

Riesaq il-Milied u fost affarijiet oħra, ma jistax jonqos li naħsbu għal xi rigali li nagħtu lil persuni li huma għal qalbna.
Min jaf kemm jintefqu flus fi ħwejjeġ, ġugarelli, ikliet u mitt elf ħaġa oħra.
It-tfal, sa minn età ċkejkna jkunu qegħdin jistennew bil-ħerqa lil *Father Christmas* b'dik l-ixkora tiegħu mimlija sa ruħ ommha.
Imma fir-realtà, kemm huma dawk it-tfal li jkunu jixtiequ jirċievu xi ktieb bħala rigal?
Il-ġid li jħalli ktieb ma jitkejjel ma' l-ebda rigal ieħor. Apprezzah jekk taqla' wieħed dan il-Milied! Il-festi t-tajba.

**L-Għalliema Librara**
D. Agius Muscat
A. Cutajar
M. Zahra Sacco

**"Dar mingħajr kotba tkun qisha kamra mingħajr twieqi."**
**Horace Mann (1871-1950)**



## Attività organizzata mil-librerija

Nhar il-Ġimgħa 7 ta' Diċembru, fl-iskola kienet organizzata lejla għall-ġenituri. Fost affarijiet oħra, għal din l-okkażjoni l-ġenituri kienu mistiedna jżuru l-librerija ta' l-iskola. Minbarra li jaraw il-librerija ta' l-iskola tat-tifel tagħhom, il-ġenituri setgħu wkoll jixtru kotba minn fiera armata apposta għall-okkażjoni. L-għanijiet prinċipali ta' din l-attività kienu li:

- **inressqu studenti, ġenituri u staff lejn il-librerija ta' l-iskola;**
- **nippromwovu l-ktieb bħala rigal tal-Milied;**
- **f'dan iż-żmien speċjali aħna stess nirregalaw għadd ta' kotba lil tfal oħra li jinsabu f'istituzzjoni tat-tfal.**

Il-fiera baqgħet miftuħa wkoll il-ġimgħa ta' wara għall-istudenti u għall-istaff kollu ta' l-iskola. Nirringrazzjaw lil C. Giordmaina u M.C. Zahra (*Learning Support Assistants)* ta' l-għajnuna tagħhom f'din l-attività. Bil-qligħ li ħalliet din il-fiera ta' kotba, reġgħu nxtraw kotba oħra bħala rigal tal-Milied mill-iskola, għat-tfal li jinsabu fl-istitut ta' l-Ursolini tas-Sliema.



Grazzi lil kull min ta sehmu f'din l-attività!

## Niltaqgħu ma' Ebenezer Scrooge



Ebenezer Scrooge huwa karattru maħluq mill-kittieb Ingliż Charles Dickens (1812-1870). Scrooge huwa karattru assoċjat ma' dan iż-żmien tal-Milied għaliex huwa l-protagonista tar-rumanz *A Christmas Carol* li ħareġ fl-1843. Scrooge kien raġel xħiħ, moħħu biss f'ħaġa waħda, fin-negozju u l-flus li dan iġib miegħu. Ma kien jinteressah minn xejn aktar, lanqas mill-mard u mill-faqar tan-nies ta' madwaru.
Il-Milied għalih ma kellu l-ebda tifsira.
L-istorja tkompli billi f' lejlet il-Milied Scrooge ikollu żjara mill-ispirtu ta' Jacob Marley, sieħbu fin-negozju, li kien miet xi snin qabel. Bħal Scrooge Marley kien biss moħħu fil-flus. Għaldaqstant huwa jwiddbu biex joqgħod attent ħalli ma jiġrilux bħalu. Marley javżah ukoll li kienu se jżuruh tliet spirti oħra. L-ispirti jiġu u juru lil Scrooge xeni minn ħajtu, xeni mill-*passat*, mill-*preżent* u mill-*futur* tiegħu. Kienu dawn ix-xeni li fl-aħħar mill-aħħar jaslu biex irattbulu qalbu. Żgur li grazzi għall-pinna ta' Dickens, Scrooge jibqa' wieħed mill-aktar karattri magħrufin għal dan iż-żmien tas-sena.

Issellef u aqra l-ktieb *A Christmas Carol* mil-librerija ta' l-iskola!

## Minn fuq l-ixkaffa

***Il-Presepju fil-Milied Malti*** **ta' Joseph Muscat**

L-ewwel presepju li nafu bih kien sar fl-Italja minn San Franġisk ta' Assisi. Huwa ried li l-ġrajja tat-twelid ta' Ġesù tkun imfakkra b'mod ħaj. Dan ġara fl-1223. L-idea ta' presepju waslet fi gżiritna wkoll. Kont taf li l-presepji tagħna jixbħu l-aktar lil dawk ta' Sqallija? Kont taf li hemm pasturi maħdumin mill-għadam tal-balena? Jekk ma temminx ejja fil-librerija u ara dan il-ktieb li jinsab fis-sezzjoni tar-Referenza.




### KOMPETIZZJONI

Idħol fiċ-ċans li tirbaħ ktieb ġentilment mogħti lilna minn *Merlin Library* ta' Blata l-Bajda billi tirrispondi din il-mistoqsija:
***Min kiteb ir-rumanz A Christmas Carol?***

It-tweġibiet għandhom jaslu l-librerija sa l-aħħar ta' Jannar.
Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni ta' Novembru huwa **Malcolm James Gilford** tal-klassi 2.8





Fil-vaganzi li ġejjin ħu ħsieb li taqra xi ktieb sabiħ!